MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tal-15 ta' Frar, 2002

Talba Numru. 1538/2001/1

**Maruti Motors Limited**
**vs**

**Charles u Mary Rose konjugi Pace**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fil-21 ta' Novembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija sitta u hamsin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm356.32) dovuti skond erba' (4) kambjalijiet li gew iffirmati mill-konvenuti u li skadew fil-15 ta' Awissu, 2001, fil-15 ta' Settembru, 2001, fil-15 ta' Ottubru, 2001, u fil-15 ta' Novembru, 2001, izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li gew diversi drabi interpellati, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru, 2001, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta'**

**kull skadenza, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma derhu.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Louis Bianchi ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija sitta u hamsin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm356.32) bl-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta' kull kambjala.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**